MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1084/2006

**Avukat Ann Fenech (I.D 28763(M) kif debitament awtorizzata bhala mandatarja ghan-nom u in rapprezentanza ta' Kaptan Alfred Fremal bil-Passaport Belgian bin-Numru 591199**

**vs**

**Il-bastiment 'Gran Michelangelo' proprjeta' tas-socjeta' estera Soc. G & C S.r.l u Dr. Mark Busuttil u PL Luisa Tufigno nominati b'digriet tat-28 ta' Dicembru 2006 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta' estera Soc. G & C S.r.l. u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2007 is-socjeta' Fish and Fish Limited C-14268 assumiet l-atti tal-kawza ghas-socjeta' estera Soc. G & C S.r.l. u b'digriet tas-16 ta' April 2007 il-Qorti rrevokat contrario imperio id-digriet tad-29 ta' Jannar 2007 u s-socjeta' Maltija Fish & Fish Ltd**
**(C-14268)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrenti nomine ssottomettiet illi:

(1) Peress illi r-rikorrenti huwa s-sid tal-bastiment ‘Capitan San Marco’.

(2) Peress illi l-bastiment ‘Capitan San Marco’ kien fl-erbatax (14) ta’ Dicembru 2005 marbut f’nofs il-bajja ta’ Marsaxlokk u dan kif jidher mill-pjanta annessa (Dok. AF 1).

(3) Peress illi waqt il-lejl tal-erbatax (14) ta’ Dicembru 2005 il-bastiment ‘Gran Michelangelo’ li huwa proprjeta’ tas-socjeta’ estera Soc. G & C S.r.l (Dok. AF 2) u operat minn Fish & Fish Ltd, qata’ c-cimi u baqa’ diehel gol-‘Capitan San Marco’ u kkawzalu danni sostanzjali, kif jidher mill-istima hawn annessa u mmarkata Dok. AF 3.

(4) Peress illi fil-hmistax (15) ta’ Dicembru r-rikorrenti kien baghat rapport ta’ l-incident lis-Sur Charles Schembri, Direttur tal-Portijiet Awtorita’ Marittima ta’ Malta; lill-Kaptan Richard Gabriele, Kaptan Tal-Port, Awtorita’ Marittima ta’ Malta; lill-ufficjal ta’ l-ghassa, l-ghassa ta’ Birzebbuga u lil Kevin Ghirxi, Investigatur ta’ l-Incidenti, Awtorita’ Marittima ta’ Malta, hawn anness bhala Dok. AF 4.

(5) Peress illi ma hemm ebda dubju li d-danni sostanzjali li gew ikkawzati lill-bastiment ‘Capitan San Marco’ gew ikkawzati mill-bastiment ‘Gran Michelangelo’ u minhabba n-negligenza, l-imperizja, htija u nuqqas ta’ hsieb tas-sidien u l-operaturi tal-bastiment ‘Gran Michelangelo’.

(6) Peress illi d-danni sofferti mir-rikorrent m'humiex limitati ghad-danni fizici izda jinkludu wkoll telf ta' dhul in vista tal-fatt li l-hsarat ikkawzati lill-'Capitan San Marco' kienu tant li dan il-bastiment ma setax jintuza ghan-negozju tar-rikorrent.

(7) Peress illi l-konvenuti solidalment bejniethom jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kkawzati lir-rikorrent.

Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara li l-bastiment 'Capitan San Marco' sofra danni konsiderevoli b'kagun tat-tort tal-konvenuti.

(2) Tiddikjara li minhabba dan ir-rikorrent sofra danni sostanzjali.

(3) Tiddikjara li l-bastiment 'Gran Michelangelo' u/jew is-sid tieghu u/jew Fish & Fish Ltd solidalment jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrent.

(4) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent jekk hemm bzonn bin-nomina ta' periti sabiex jassistu lil din l-Onorabbli Qorti.

(5) Tordna lill-konvenuti solidalment jew min minnhom ihallas id-danni lir-rikorrent kif likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u tal-mandat ta' mpediment ta' partenza u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat **ir-risposta tas-socjetajiet intimati** a fol. 32 tal-process fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet attrici in kwantu rivolti lejn is-socjeta' eccipjenti Fish & Fish Limited huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu ma hemm assolutament ebda relazzjoni

jew involviment guridiku bejn l-attrici noe, u l-imsemmija socjeta';

2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-drtt peress illi kif jista' jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ma kien hemm ebda negligenza da parti ta' l-eccipjenti fl-akkadut imsemmi fir-rikors promotur;

3. Illi ghandu jirrizulta illi l-maltemp fil-gurnata in kwistjoni matul il-lejl ikkawza danni sija lill-bastiment Gran Michelangelo wkoll lill-bastiment Capitan San Marco tant illi entrambi nhallu mill-irmigg taghhom u spiccaw inkaljaw f'xulxin kif instabu mill-partijiet;

4. Illi pero' ghandu wkoll jirrizulta illi waqt illi l-bastiment Gran Michelangelo ccaqlaq mill-parti tal-irmigg ta' qiegh il-bahar u ghalhekk mhux minhabba xi negligenza jew imperizja da parti ta' l-eccipjenti, min-naha l-ohra l-Captan San Marco nhall minfejn kien peress illi qata' c-cimi tieghu mill-parti ta' fuq u dan certament minhabba negligenza u mperizja da parti tar-rikorrenti;

5. Illi jsegwi illi fil-konfront ta' l-eccipjenti, ma jista' jigi addebitat ebda tort tal-akkadut;

6. Illi jsegwi ghalhekk illi m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti;

7. Illi ulterjorment u assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess jirrizulta illi d-danni allegati deskritti f'dokument AF 3 huma ferm u ferm esagerati;

8. Illi jsegwi illi m'hemmx lok ghal ebda hlas kundanna ghall-hlas ta' kull tali eventwali danni fil-konfront ta' l-eccipjenti.

9. Illi ulterjorment peress illi l-bastimemt Gran Michelangelo irraporta danni bhala rizultat ta' dan l-inkaljar, mhux biss l-eccipjenti m'ghandhomx iwiegbu ghat-talbiet tar-rikorrenti, izda fil-kaz *de quo* hemm lok ghal proceduri ghad-danni kontra l-istess rikorrenti u l-

istess bastiment, liema proceduri qeghdin jigu prezentati kontestwalment ma' dan l-att;

Rat **ir-risposta tal-intimati kuraturi** a fol. 39 tal-process fejn issottomettew:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti w ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi'stadju ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

**Fatti**

Illi fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2005 sehhet maltempata, f'liema maltempata allegatament sofrew danni kemm il-yacht "Capitan San Marco" u kif ukoll il-bastiment "Gran Michelangelo", liema yacht u bastiment kienu irmiggjati fil-bajja ta' Marsaxlokk.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti nomine pprocediet bil-kawza odjerna kontra l-bastiment "Gran Michelangelo", kontra is-socjeta` estera Soc. G & C S.r.l. kif wkoll kontra s-socjeta` Fish & Fish Ltd.

**Eccezzjoni Preliminari**

Illi s-socjeta` Fish & Fish Ltd. eccepiet preliminarjament illi t-talbiet tar-rikorrenti n kwantu rivolti kontra taghha huma nfondati fil-fatti u fid-dritt billi ma hemm assolutament ebda relazzjoni jew involviment guridiku bejn ir-rikorrenti noe u l-imsemmija socjeta`.

Il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza fuq din l-ewwel eccezzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti, f'dina d-decizjoni, se tillimita ruhha biex tiddeciedi jekk tezistix jew le din ir-relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti noe u s-socjeta' Fish & Fish Ltd.

"In linea ta' principju generali d-deduzzjoni ta' konvenut f'gudizzju trid, necessarjament, titwieled minn rapport guridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, lezjoni ta' dritt minn intervent delittwuz jew akwiljan. Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawza ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop taghha jekk mhux fil-konfront ta' dak li mieghu l-attur, ghal xi wahda mill-konnessjonijiet accennati, ghandu relazzjoni guridika. Naturalment, l-accertament ta' din ir-relazzjoni jrid isir fuq il-bazi tal-*petitum* u, cjoe, tar-rizultat persegwit fil-gudizzju mill-attur bit-talba tieghu". Ara App Inf. PS 9/4/08 Focal Maritime vs Top Hat u Artikolu 1031 u 1032 tal-kap 16.

Illi fil-kaz in ezami r-rikorrenti qieghdha zzomm lis-socjeta` intimata Fish & Fish Limited responsabbli ghall-hsarat li garrbet id-dghajsa Capitan San Marco peress li skond hi l-istess socjeta` intimata, Fish & Fish Ltd., kienet responsabbli mill-irmigg li fuqu kien hemm il-bastiment "Gran Michelangelo" u li dan il-bastiment kien qed jigi operat mill-istess socjeta`.

Illi minn ezami tax-xhieda voluminuza u l-provi kollha prodotti jemergu s-segwenti fatti u cioe:-

1. Illi l-bastiment "Gran Michelangelo" kien qed jintuza ghas-sajd mis-socjeta` intimata Fish & Fish Limited u kien ilu juza l-irmigg in kwistjoni ghal perjodu ta' zmien, li pero' m'hemmx qbil fuqu, billi skond is-socjeta` intimata Fish & Fish Ltd. hi kienet ilha tuzah biss xi sitt xhur/sena;
2. Illi l-haddiema li jahdmu fuq il-"Gran Michelangelo" huma fil-maggjor parti, jew mhux kollha, haddiema tas-socjeta' intimata Fish & Fish Limited;
3. Illi s-socjeta` intimata Fish & Fish Limited istitwiet kawza ohra kontra l-istess rikorrenti nomine ghad-danni sofferti minnha fl-istess incident u dan a bazi ta' relazzjoni guridika li hija hemm qed tivvanta imma f'dina l-kawza qed tikkontesta;

4. Dakinhar ta’ l-incident rapprezentant tas-socjeta’ intimata u xi haddiema ta’ l-istess socjeta` kienu qeghdin fuq il-”Gran Michelangelo” jippruvaw jaqilghu liz-zewg bastimenti minn ma’ xulxin u minn ma’ ohra;
5. Illi fir-rigward ta’ l-irmigg hemm diversi verzjonijiet u jista’ jkun hemm lok li jinholoq dubju jekk l-irmigg in kwistjoni hux l-istess wiehed li xehed fuqu Alfred Piscopo u Paul Attard.

Illi fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghha s-socjeta` Fish & Fish Limited ghamlet diversi sottomissjonijiet dwar id-diligenza li hija adoperat fir-rigward ta’ l-irmigg li mieghu kien marbut il-”Gran Michelangelo” izda f’dan l-istadju dak li ghandha tiddeciedi dina l-Qorti mhux il-mertu tal-kawza dwar ir-responsabbilta` tal-partijiet jew id-diligenza adoperta, imma jekk kienx hemm ness guridiku bejn ir-rikorrenti nomine u s-socjeta` intimata Fish & Fish Ltd. Fil-fehma ta’ din il-Qorti il-fatt li l-istess socjeta` tishaq li hadet dawk il-mizuri kollha necessarji biex tassigura li l-irmigg in kwistjoni jkun wiehed sikur, huma wiehed mill-elementi li jipprova proprju dak in-ness guridiku li l-istess socjeta` qieghdha tikkontendi li ma jezistix.

Illi ghalkemm mhux kontestat mir-rikorrenti illi s-socjeta` intimata Fish & Fish Limited m’hiex is-sid tal-bastiment “Gran Michelangelo”, jirrizulta mill-provi prodotti li hija kienet qed toperah, u dan hu anke ammess minnha fil-kawza pprezentata kontra r-rikorrenti nomine fil-kawza (Rikors Numru 7/07) li qiegheda timxi mal-kawza prezenti. Illi ghaldaqstant ma jistax jinghad li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta` Fish & Fish Limited u dak li gara.

Illi tajjeb li jigi sottolinejat illi kif gia inghad hawn fuq, il-provi prodotti sa issa ma jindikawx b’certezza jekk l-irmigg li Alfred Piscopo ghadda lil Paul Attard huwiex l-istess wiehed li mieghu kien marbut il-bastiment “Gran Michelangelo”, pero’ jibqa’ l-fatt li l-istess bastiment kien marbut ma’ rmigg mantnut mis-socjeta Fish & Fish Ltd. u li fil-maltempata li sehhet fl-14 ta’ Dicembru 2005 l-istess bastiment kien inqata’ minn mieghu. Paul Attard xehed li huwa qatt ma uza l-irmigg li kien marbut mieghu l-Gran

Michelangelo u li dan dejjem ntuza mill- Fish & Fish Ltd. Inoltre Joseph Caruana xehed li huma kienu biddlulu l-baga u d-*divers* taghhom kienu wkoll tawh daqqa t'ghajn lill-katina meta kienu qed jaghmlu dak ix-xoghol. Ikkonferma li r-responsabbilta' tal-manteniment tal-katina ma kinitx ta' Attard u huma kienu jorbtu ma' dan l-irmigg b'mohhhom mistrieh wara x-xoghol li kienu ghamlu fuqu. (ara fol 150).

Illi ghalhekk il-Qorti tikkonkudi li tezisti relazzjoni guridika bejn ir-rikorrenti nomine u s-socjeta` Fish & Fish Limited.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Fish & Fish Limited,
u tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-provi fil-mertu.
Spejjez ghas-socjeta Fish & Fish Ltd.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------